MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2008

Numru 419/2008

**Il- Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs**

**Mohamed Younes Mohamed Ali**

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Mohammed Younes Mohammed Ali iben Younes u Leila imwieled Menofiya fl- Egittu fit- 13 ta; Mejju, 1982 bhalissa residenti fil- Lock up, il- Floriana, Detentur tan- numru tal- Pulizija ta’ detenzjoni 05UU-193

Akkuzat talli fil- 11 ta’ Jannar, 2008 u fi zminijiet ta’ qabel, f’ dawn il- gzejjer, ikkommetta harba mil- post ta’ kustodja dan bi ksur tal- Artikolu 151 ta’ Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Kif ukol talli sar ricediv kif ukoll kiser sentenza sospiza, billi kien instab hati ta' reat b' sentenza tal- Qorti tal-Magistrati (Malta) (Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D.) datata 07/09/2007 ghal- sena u tlett xhur prigunerija sospizi ghal- erbgha snin, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

Rat l-artikolu 28A, 28B, 49, 50, u 151 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat li f'l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentment pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat in-natura tar-reati kommessi u l-fedina penali ta'l-imputat. Ikkunsidrat ukoll l-ammissjoni ta' l-imputat f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali tieghu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-artikolu 28A, 28B, 49, 50 u 151 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' prigunerija ghal perjodu ta' disgha (9) xhur. In oltre b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28B tal-Kap 9 qed testendi l-perjodu operattiv indikat fis-sentenza datata 7 ta' Settembru 2007 mghotija fil-konfront ta'l-imputat mill-Magistrat Dr A Micallef Trigona ghal perjodu gdid ta' erba (4) snin mill-llum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------